TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 472/10

**Lydia Gerada**
**vs**
**Oxford House Ltd.**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' seba' mitt ewro (€700), rappreżentanti prezz ta' *washing machine* li wara ftit żmien beda ħiereġ is-sadid.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *washing machine* mingħand id-ditta intimata b'garanzija ta' ħames snin u wara xi żmien pero' fil-perjodu tal-garanzija, il-faċċata tal-*washing machine* bdiet tissaddad u għalhekk qed titlob *washing machine* ġdida.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi hija lesta li tbiddel il-faċċata tal-*washing machine* u l-magna terġa' tiġi tajba għal li kienet.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal, jinnota illi minħabba s-sadid, din il-parti tista' faċilment tiġi mibdula.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jordna lis-soċjeta' intimata tbiddel din il-parti li ħarġilha s-sadid u dan fi żmien xahar mil-lum u jekk fin-nuqqas ta' dan ma tbiddilx din il-parti, t-Tribunal jordna illi s-soċjeta' intimata għandha tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888